MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 616/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**MARIA XUEREB**
**(ID Nru. 287460M)**
**VICTOR XUEREB**
**(ID Nru. 613659M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 616/2011

Illum, 3 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Xuereb, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 287460M u l-imsemmi Victor Xuereb, detentur tal-Karta tal-identita` numru 613659M.

**Akkuzati talli:**

Fil-hamsa (5) ta` Settembru, 2010, u/jew fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh bi hsara tal-**Bank of Valletta plc** u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra, liema hsara teccedi l-ammont ta` elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. Bi hsara tal-**Bank of Valletta plc** u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra, ghamlu qliegh b'qerq li jeccedi l-ammont ta` elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

<u>Victor Xuereb, wahdu, akkuzat ukoll talli:</u>

3. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza mill-Qorti ta` Magistrati (Malta), datata sitta (6) ta` Dicembru, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 (1), 17, 31, 533, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel kumment illi taghmel dina l-Qorti huwa illi, mill-bidu nett, l-imputati dejjem sostnew illi ma ghamlu xejn hazin u dejjem innegaw, b'qawwa kbira, illi qatt hadu dawn il-flus illi kienu depozitati fis-*safety deposit box* tal-BOV.

Illi l-ewwel xhieda interessanti hija dik ta` l-ispettur Joseph Mercieca fejn jghid illi din il-kawza ma gietx institwita mill-Pulizija wara kwerela tal-BOV, kif normalment isir, izda giet inizjata mill-Kummissarju tal-Pulizija ta` dak iz-zmien. Spjegazzjoni ta` dan ma inghatax. Huwa wkoll jipprezenta kopja ta` sentenza fil-konfront tal-imputat u prova tal-akkuza ta` recidiva fil-konfront tieghu. Huwa wkoll jixhed dwar l-investigazzjoni tieghu. Huwa rilevanti li wiehed jinnota li l-Pulizija dahlet fil-kaz tad-disgha u ghoxrin (29) ta` Marzu 2011, kwazi sena wara li gara l-kaz.
Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni segwiet bi:

<u>Anthony Camilleri,</u> in xhieda u in kontro-ezami, li kien il-*Branch Manager* tal-fergha tal-BOV ta` San Gwann fejn, *fra l'altro*, jirrizulta mix-xhieda tieghu, illi l-*bank manager* jew ahjar il-bank kien ghamel zball grandjuz u kardinali fis-sens illi kien illesta l-istess *deposit box* fil-*branch* lill-zewg individwi fl-istess hin u cioe` lill-imputati u lil konjugi Anthony u Mary Rose Mangion. Jigifieri, fl-istess zmien wara l-ewwel (1) ta` April 2010 (meta dina s-*safety deposit box* giet mikrija lill-konjugi Mangion ghaliex l-istess *safety deposit box* kienet giet mikrija lill-konjugi Xuereb xi ghaxar snin qabel), dawn iz-zewg koppji kellhom it-tnejn access simultanju ghall-istess *safety deposit box*.

Illi l-istess xhud ukoll jikkonferma li l-BOV rega` radd lura l-ammont ta` erbghin elf ewro (€40,000) lill-imputati li huma sabu nieqsin mis-*safety deposit box* (wiehed ma jistghax izid 'taghhom' f'dan il-kaz) u dan ghaliex il-Bank hass illi ghandu jghati lill-imputati l-beneficcju tad-dubju. Kwindi, sa dan il-punt tal-istorja, il-Bank ma kienx iddecieda li l-imputati odjerni kellhomx xi forma ta` responsabbilita`. Anzi, hallashom lura u hallashom lura ghax induna li l-izball kien in-naha taghhom.

<u>Anthony u martu, Mary Rose Mangion</u> in ezami u kontro-ezami. Dawn xehdu li kienu krew *safety deposit box* 79 *blue* fil-fergha ta` San Gwann tal-BOV u ftit wara li ghamlu dan, f'okkazjoni wahda, huma sabu mazz dollari Amerikani li ma kienux taghhom. Flushom ma sabu xejn nieqes. Illi nonostante li huma kellhom access ghal dana s-*safety deposit box* u nonostante li diga gie stabbilit illi l-Bank kien ghamel zball fejn assenja l-istess *deposit box* lill-zewg individwi u wara li gie stabilit illi kienu nieqsin xi flus u wara li l-Bank kien diga radd lura lill-koppja Xuereb l-ammont ta` erbghin elf ewro (€40,000) illi huma sostnew illi nsterqilhom minn dina s-

*safety deposit box* ghaliex tawhom il-beneficcju tad-dubbju u nonostante li l-konjugi Mangion ukoll kellhom access ghas-*safety deposit box* fl-istess hin illi kellhom il-konjugi Xuereb, ma jidhirx illi l-konjugi Mangion gew serjament investigati u zgur illi jidher illi ma ttehdux passi kriminali kontra taghhom u dan nonostante li l-flus illi qalu li kienu taghhom jammontaw ghal erbghin elf ewro (€40,000) l-istess li l-konjugi Xuereb qed jghidu li nsterqilhom u li ghalihom huma gew rifuzi.

Gino Xuereb, in xhieda u in kontro-ezami, *ex-operations manager* tal-BOV, illi kkonferma r-risarciment tal-Bank lill-konjugi Xuereb stante li dan kollu gara minhabba li kien zbalja l-bank u wara li l-konjugi Xuereb inghataw il-beneficcju tad-dubju.

PS 180 Fabian Aquilina, PC 807 Felix Vella, PC 9 Chris Abela, WPC 1135 Donatella Cortis. Kollha xhieda tal-istqarrijiet u tad-dikjarazzjoni ta` rifjut tal-parir legali.

Gilbert Zahra, in ezami u kontro-ezami, *Manager* tal-*Business Section* tal-BOV, San Gwann, li kien prezenti fil-*vaults* meta l-koppja Mangion kienet sabet mazz dollari Amerikani fis-*safety deposit box* taghhom li, dak in-nhar stess, il-bank skopra li l-istess *deposit box* kienet diga mikrija lill-imputata Xuereb.

Rudolph Gatt, impjegat tal-**Internal Audit Department** tal-BOV, illi rcieva t-telefonata mill-*Manager* tal-fergha ta` San Gwann, Anthony Camilleri, dwar dak li kien gara u li kien inkarigat, internament, mill-investigazzjoni sussegwenti. Jikkonferma r-risarciment maghmul lill-konjugi Xuereb. Fiz-zjara tieghu fil-*branch* ta` San Gwann, huwa kien gie akkumpanjat minn Carmel Tanti li wkoll xehed.

Gaetano Falzon, in xhieda u in kontro-ezami. Dan x-xhud kien gie demotat minn *Manager* ghal *Supervisor* minhabba dan il-kaz, ghaliex milli jidher huwa kien responsabbli ghall-izball li sar. Huwa jispjega l-procedura ta` kif tigi assenjata *safety deposit box* u jirrakkonta dak li gara dak in-nhar illi l-konjugi Mangion zaru l-bank fejn minbarra li nstabu l-flus fl-ammont ta` erbghin elf ewro (€40,000) illi huma qalu li kienu taghhom, sabu wkoll kwantita` ta` dollari Amerikani li ma kienux.

Victor Micallef impjegat tal-Bank illi kien ezebixxi CCTV f*ootage* li gie pprezentat waqt il-kawza.

Victor u Maria Xuereb illi bil-gurament taw il-verzjoni taghhom tal-fatti li hija identika ghal dik moghtija minnhom lill-awtoritajiet investigattivi.

Jikkonfermaw illi huma gew rifuzi ghat-telf taghhom mill-**Bank of Valletta plc**. Jiddiskrivi l-imputat kif il-flus tieghu kienu rrapjati u jipprezenta *sample* ta` dan l-istess *wrapping*.

Albert Aquilina, Joseph Xuereb, Albert Xuereb u Philip Caruana. Ahwa tal-imputat u konoxxenzi tal-konjugi Xuereb illi lkoll xehdu illi, f'diversi okkazzjonijiet, huma kienu sselfu l-flus minghand l-imputat Victor Xuereb u li ghalhekk dan tal-ahhar kien fi bzonn kostanti ta` likwidita`. L-imputata Maria Xuereb ukoll tixhed dwar il-bzonnijiet specjali ta` binha u l-bzonn kostanti ta` flus kontanti f'kaz ta` bzonn.

Illi dina, in sostanza, hija x-xhieda prodotta miz-zewg partijiet matul l-*iter* ta` dina l-kawza. Wiehed ma jistghax ma jikkommentax dwar l-izball fahxi li ghamel il-BOV fejn assenja l-istess *safety deposit box* lill-zewg klijenti fl-istess hin u bir-rizultat illi t-tnejn kellhom access ghall-istess *safety deposit box* fl-istess hin. Dan huwa zball kardinali li qatt ma jista` jigi mahfur. Juri nuqqas ta` responsabbilita` u professjonalita` tal-impjegat inkarigat li jidher illi ha d-dixxiplina necessarja.

Illi dana l-izball ta lok ghal dina s-saga. Min-naha wahda ghandna lill-konjugi Mangion illi waqt m'humiex jirrappurtaw nuqqas ta` flus, qiedghin jikkomplejnjaw illi fil-kaxxa taghhom sabu kwantita` ta` dollari Amerikani li ma kienux taghhom. Huma kienu ddizappuntati bin-nuqqas ta` sigurta` u professjonalita` li wrew il-bank u minnufih ikkancellaw il-kuntratt tas-*safety deposit box* illi huma kienu ghadhom kemm krew ftit ta` jiem qabel. Huma jsostnu li l-erbghin elf ewro (€40,000) li kienu f'dina s-*safety deposit box* kienu taghhom impoggijin minnhom ftit granet qabel meta fethu s-*safety deposit box*. Hadd ma rahhom ipoggu dina s-somma hemm.

Illi min-naha l-ohra, hemm il-konjugi Xuereb illi kienu qiedghin jikru l-istess *safety deposit box* gewwa l-istess fergha ghal almenu ghaxar (10) snin qabel ma gara l-incident u uzata kontinwament minnhom ghax fil-bzonn ta` likwidita` kif xehdet l-imputata Maria Xuereb u x-xhieda tad-difiza. Qatt ma nqalghu incidenti precedenti mall-bank tant illi kienu meqjusa bhala klijenti ezemplari tant illi Maria lanqas baqghet dejjem tiffirma l-*attendance sheet staff* meta kienet taccedi ghas-*safety deposit box* mikri lilha.

Illi, *un bel di*, il-konjugi Xuereb jircievi telefonata mill-bank illi, dak in-nhar indunaw illi huma kienu ghamlu zball fl-assenjazzjoni tas-*safety deposit box* 79 *blue* illi giet assenjata lill-zewg persuni fl-istess hin. Hija tigri l-bank fejn jinfurmawha b'dan. Jigi r-ragel, l-imputat odjern, fejn jinduna li

waqt illi somma zghira ta` dollari Amerikani li huwa kien pogga fil-box kienu ghadhom hemm, l-ammont ta` erbghin elf ewro (€40,000) li huwa kien iddepozita` hemm ukoll u jiddiskrivi kif kienu ppakkjati, kienu nieqsin. Iqum pandemonju gewwa l-bank bil-*manager* tal-fergha jassikura lill-imputat illi dan kien zball taghhom u li l-bank kien ser jirranga kollox kif filfatt ghamel ftit taz-zmien wara meta hallas lill-imputat l-erbghin elf ewro (€40,000) nieqsin. Kwazi sena wara dan l-incident u wara li intesa kollox, bghatu ghalihom il-Pulizija li avzathom illi kienu qiedghin jifthu inkjesta fuq l-akkadut. Qatt ma gie spjegat minn fejn originat ir-rikjesta ta` investigazzjoni ghax qatt ma giet ipprezentata l-kwerela relattiva u lanqas qatt ma inghatat spjegazzjoni ghaliex l-investigazzjoni bdiet kwazi sena wara l-incident!

Illi dina l-Qorti tinsab fermament inkwetata ghaliex nonstante mghoti l-*benefit of the doubt* mill-BOV u rikompensat minnha fl-ammont ta` telf allegat tieghu, il-Prosekuzzjoni ghazlet illi ma temminx il-verzjoni tal-imputati u inizjat dina l-kawza?

Illi ghall-grazzja tal-argument, tista` tezisti l-possibilita` li Mangion, *nuovo* inkwilino ta` *safety deposit box* 79 *blue* fil-fergha tal-BOV San Gwann, sab illi dina l-kaxxa kienet tikkontjeni erbghin elf ewro (€40,000) f'*cash* u somma zghira ta` dollari Amerikani? Jista` jkun illi fi zjara ulterjuri fil-kantina fejn jinzammu dawn is-*safety deposit boxes* u fejn hemm il-*privacy* mehtiega, huwa biddel ir-*wrappings* li kien ghamel sid ta` dawn il-flus b'*wrappings* illi jistghu, facilment, jigu ri-intraccati lilu izda halla l-ammont zghir ta` dollari Amerikani hemm sabiex huwa jkun jista` jqajjem l-allarm illi persuna ohra kellha access ghas-*safety deposit box* tieghu u b'hekk ikollu skuza li jikkancella dak il-kuntratt illi kienu ghadu kemm ghamel ghas-*safety deposit box* mall-BOV u, b'hekk, komodament jimxi l-barra mill-bank b'erbghin elf ewro (€40,000) iktar?

Illi dina l-Qorti m'hix qed tghid li hekk gara izda hija possibilita` ta` dak li seta` gara. Wiehed ghandu jiftakar illi l-konjugi Xuereb kienu ilhom jikru dan l-istess *safety deposit box* ghal iktar minn ghaxar (10) snin minghajr incident. Ghaliex Mangion twemmnu mill-Pulizija u ta` Xuereb le, iktar u iktar, meta jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi dawn inghataw *the benefit of the doubt* mill-bank u l-flus taghhom gew ritornati? Ghaliex ghaddiet kwazi sena qabel ma bdiet dina l-investigazzjoni? Min bdieha u fuq ordni ta` min? Ghaliex ma gewx investigati u pprocessati wkoll il-konjugi Mangion? Ghaliex il-bon sens jghid illi f'kazijiet simili *and to play safe* kellhom jigu pprocessati z-zewg koppji ta` konjugi separatament ghax jekk ma kienux il-konjugi Xuereb, allura kienu l-konjugi Mangion billi

dawn it-tnejn biss kellhom access ghal *safety deposit box* 79 *blue* fil-fergha tal-BOV ta` San Gwann. Stramba!

Illi tezisti wkoll il-possibilita` li kien impjegat tal-bank illi huwa responsabbli. Il-bank stess kien ammetta li sar zball fl-assenjazzjoni ta` *safety deposit box* 79 *blue*. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-bank kien izomm kopja tac-cavetta ta` kull *safety deposit box*. Jista` jkun illi dan l-individwu seraq l-erbghin elf ewro (€40,000) ta` Xuereb u nehha l-flus Amerikani mill-*box*. Dina sussegwentement u forsi apposta giet assenjata lil Mangion li ddepozita fiha l-ammont ta` erbghin elf ewro (€40,000) u illi, sussegwentement, dan l-individwu rega rimpjazza l-flus Amerikani sabiex jghati x'jifhem lil Mangion illi xi hadd iehor kellu access ghas-*safety deposit box* lilu mikrija?

Il-possibilitajiet, kif wiehed jista` jara, huma numeruzi u mhux facilment illi wiehed jalloka responsabbilita` cara u limpida kif trid il-ligi nostrana. Jekk kienux dawn l-imputati li ghamlu din il-*messa in scena*, jekk kienux il-konjugi Mangion jew impjegat stess tal-bank, wiehed ma jistghax jghid b'carezza. Forsi l-bank kompla jizbalja u Alla biss jaf x'ghamel b'dawn il-flus.

Illi dana l-incident sehh fil-*vaults* tal-bank fejn jinzammu s-*safety deposit boxes*. Dan jassikura privatezza lill-klijent illi jithalla wahdu, bla indhil u supervizzjoni sabiex jaghmel dak li gie biex jaghmel hemm. U, allura wkoll, illi jiehu, iqieghed il-flus u jbabas fir-*rubberbands* u *wrappings* li fihom il-flus huma mgezwrin. Hadd ma jista` jkun jaf x'gara hemm isfel u l-hati biss jafu dan.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti sejra taghmel bhal dak illi ghamel gustament l-istess bank u qiedgha tillibera lill-imputati mill-akkuzi lilhom addebitati, u dan skont il-principju ta` *in dubbio proprio*.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------